# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**AKL Ahmed Abdel Ghany Ahmed**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra AKL Ahmed Abdel Ghany Ahmed li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 369595M li permezz taghha gie akkuzat li:

a) Nhar is-6 ta` Settembru, 2016 ghal habta tat-tmienja nieqsin ghoxrin minuta ta` filghaxija (19:40hrs) fi Triq il-Fliegu, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta` Adel Ahmed Abdellatif Abdel Wallab, skont kif iccertifikat t-tabib Tracy Lee Vidal MD (Numru tar-Reg. 3072), mill-Mosta Health Centre.

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet il-provi prodotti;

Ikkunsidrat li jirrizulta li kien hemm incident bejn l-imputat u l-kwerelant tant li dan jirrizulta minn dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Mill-istess stqarrija jirrizulta li kien hemm kollutazzjoni bejniethom ukoll. Izda din il-Qorti ma ghandhiex prova lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni li l-allegati griehi soffruti mill-kwerellant gew kawzati mill-imputat; jew prova lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li f'dan il-kaz l-imputat kien l-aggressur li beda dan l-

incident u kkawza griehi ta` natura gravi fuq il-kwerelant minghajr gustifikazzjoni jew legittima difesa; jekk xejn il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat jipprovaw sal-grad tal-probabli li l-imputat agixxa in legittima difesa.

## *DECIDE:*

F'dan l-istadju l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqqset milli tapprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragun u konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

***Moghtija illum 10 ta` Jannar, 2018 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***